# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1156/2009

## tas-27 ta' Novembru 2009

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 fir-rigward tal-kondizzjonijiet għall-eżenzjoni ta' ċerti annimali ta' speċi suxxettibbli mill-projbizzjoni fuq il-ħruġ stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tal-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(c), u l-Artikoli 11 u 12 u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 [2] jistipula r-regolamenti għall-kontroll, għall-immonitorjar, għas-sorveljanza u għar-restrizzjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam mal-movimenti ta' ċerti annimali ta' speċi suxxettibbli għall-bluetongue f'żoni u minn żoni ristretti.

(2) L-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament jistipula li l-movimenti tal-annimali, is-semen, l-ova u l-embrijuni, minn azienda jew ċentru tal-ġbir jew tal-ħżin tas-semen li jinstab f'żona ristretta għal azienda oħra jew ċentru tal-ġbir jew tal-ħżin ieħor għandhom ikunu eżentati mill-projbizzjoni ta' ħruġ stipulata fid-Direttiva 2000/75/KE, soġġett għall-kundizzjoni li l-animali, is-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom ikunu konformi ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

(3) Barra minn hekk, bħala miżura tranżitorja, l-Artikolu 9a tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007 jistipula li, sal-31 ta' Diċembru 2009, l-Istati Membri tad-destinazzjoni jistgħu jitolbu li l-moviment ta' ċerti annimali, li huma koperti mill-eżenzjoni stipulata fl-Artikolu 8(1) ta' dan ir-Regolament ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet addizzjonali, abbażi ta' valutazzjoni ta' riskju li tqis il-kundizzjonijiet entomoloġiċi u epidemijoloġiċi li fihom qed jiddaħħlu l-annimali.

(4) Is-sitwazzjoni ġenerali fil-Komunità fir-rigward tal-bluetongue tjiebet b'mod konsiderevoli fl-2009. Minkejja dan, il-virus għadu preżenti f'partijiet tal-Komunità.

(5) Barra minn hekk, l-effikaċja tal-miżuri stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1266/2007 hija influwenzata minn għaqda ta' fatturi. Dawn il-fatturi jinkludu l-ispeċi tal-vektors, il-kundizzjonijiet tal-klima u t-tip ta' trobbija tal-annimali suxxettibbli li jixtarru.

(6) Għalhekk huwa xieraq li jibqgħu japplikaw il-miżuri tranżitorji stipulati fl-Artikolu 9a tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007, filwaqt li jiġi kkunsidrat li l-qagħda tal-marda mhijiex stabbli iżda għadha tevolvi. Ir-Regolament (KE) Nru 1266/2007 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fil-frażi introduttorja tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 9a tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007, id-data "31 ta' Diċembru 2009" għandha tkun mibdula bid-data "31 ta' Diċembru 2010".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74.
[2] ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37.